MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 70/2006/1

**Alfred Theuma**

**vs**

**Jupiter Co. Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ Jannar, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat it-3 ta’ Marzu tas-sena 2006, li permezz tieghu r-rikorrent sejjah lis-socjeta` intimata quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundatata:

1. Illi tirrifondi lir-rikorrent is-somma ta’ elf u sitt mitt Lira Maltin (LM1,600.00,0) rapprezentanti somma

mhallsa akkont lir-rikorrent tal-prezz ta’ *speed boat* u accessorji ohra relatati, li s-socjeta` intimata bieghtlu kif jirrizulta minn kuntratt datat 15 ta’ Mejju tas-sena 2003, (kopja annessa Dok A), u dan prevja li jigi dikjarat li l-kuntratt hawn imsemmi u l-kambjali relattivi huma nulli, stante li l-kunsens tar-rikorrenti meta ffirma l-kuntratt suriferit u l-kambjali relattivi, ittiehed b’qerq u frodi, billi meta ta l-kunsens tieghu l-ftehim kien li l-*ispeed boat* li kellha tigi lilu kkonsenjata kellha tkun wahda gdida, u mhux wahda uzata kif sussegwentement irrizultalu li kienet, u dan kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tar-rikors;

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata t-23 ta’ Marzu tas-sena 2006, li permezz taghha wiegbet is-segwenti:

1. Illi din il-kawza saret wara li l-attur gie sfurzat jaghmilha mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fil-kawza numru 350/04 JB fl-ismijiet Jupiter Co. Ltd. vs Alfred Theuma. F’din il-kawza s-socjeta` esponenti qed titlob il-hlas tal-bilanc ta’ elf u hames mitt Lira Maltin (LM1,500.00,0) lill-attur odjern, fir-rigward tal-bejgh tad-dghajsa meritu tal-kwistjoni;

2. Illi m’huwiex minnu li sar xi qerq jew frodi da parti tas-socjeta` esponenti fil-bejgh tad-dghajsa mertu tal-kwistjoni. Di fatti l-attur odjern iffirma ghadd ta’ kambjali bhala pagamenti, li minnhom huwa gia hallas l-ammont ta’ elf, mitejn u ghaxar Liri Maltin (LM1,210.00,0);

3. Illi lanqas ma huwa minnu li d-dghajsa li l-attur xtara u ha minghand is-socjeta` esponenti ma kinitx gdida. Di fatti l-attur ra u ordna d-ghajsa fit-2 ta’ Mejju tas-sena 2003; xtraha fil-15 ta’ Mejju tas-sena 2003 u l-ghada mar u hadha minghand is-socjeta` konvenuta. Matul dan iz-zmien kollu hlief meta gie mgieghel mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar kif eccepiet f’para 1, huwa qatt ma lmenta mid-dghajsa minnu mixtrija;

4. Illi l-kawza istitwita mill-attur m’hi xejn hlief tattika dilatorja sabiex itawwal il-hlas minnu dovut lis-socjeta` konvenuta;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-ill darba jkun il-kaz.

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet f’din il-kawza kienu wasslu fi ftehim li r-rikorrent jaghti d-dghajsa li hu kellu lis-socjeta` intimata, inkluz il-mutur tal-marka Jamaha 85, u bhala korrispettiv kellu jinghata mutur iehor mill-istess socjeta`;

2. Illi r-rikorrent kellu wkoll jixtri dghajsa gdida minghand l-istess socjeta` intimatat ta’ l-ghamla “Hunter Sports”;

3. Illi skond ir-rikorrent intlahaq ftehim li ghad-dghajsa l-gdida r-rikorrent kellu jhallas tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00,0), inkluz il-karru;

4. Illi meta wasal iz-zmien biex jiehu pussess tad-dghajsa li kienu ftehemu fuqha, fi triqtu lejn ix-*“show room”* tas-socjeta` intimata habat u nonostante li jsostni li kien ghadu fi stat ta’ xokk, fuq insistenza ta’ nies mis-socjeta` intimata, xorta ha pussess tad-dghajsa u tal-karru taghha;

5. Illi meta wara beda juza d-dghajsa jsostni li beda jsibilha xi difetti fosthom:

i. li kellha xi *"stickers"* li gew maqlugha qabel mad-dghajsa nghatatlu;

ii. li kien hemm xi qsim zghir fil-*"floor board"*;

iii. li kien hemm xi toqob fid-dghajsa li gew mizduda;

iv. il-karru nqasam wara l-ewwel darba li tnizzel il-bahar;

6. Illi r-rikorrent isostni li d-dghajsa li nghata ma kinitx gdida izda kienet l-istess wahda li kien ra fix-*"showroom"*;

7. Illi stante li kull sforz biex jasal f'xi forma ta' ftehim mas-socjeta` intimata gie stultifikat, ir-rikorrent kien kostrett jintavola din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi skond ir-rappreznetant tas-socjeta` intimata l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi wara li l-attur kien mar f'diversi okkazzjonijiet fix-*"showroom"* tas-socjeta` intimata hu kien ghazel u ordna dghajsa u tinda tax-xemx li l-prezz komplessiv kien ta' elfejn erba' mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (LM2,425.00,0);

2. Illi l-partijiet jirrizulta li ftehemu wkoll fuq il-modalita` tal-pagament;

3. Illi r-rikorrent kien mar jiehu pussess tad-dghajsa fis-16 ta' Mejju tas-sena 2003, u xtara xi affarijiet ohra, bhal sellum u xi *"brackets"*;

4. Illi ma xtara l-ebda mutur jew karru minghand l-istess socjeta` intimata, (ara fol 84);

5. Illi meta r-rikorrent ha pussess ta' l-oggetti msemmija hu ffirma diversi kambjali, li pero' ma ottemperax ruhu maghhom u baqa' ma hallasx;

6. Illi konsegwenza ta' din l-inadempjenza s-socjeta` intimata kienet kostretta tintavola proceduri fil-konfront tar-rikorrent biex tithallas;

7. Illi wara li ttiehdet din il-procedura ndikata fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrent beda jottempera ruhu mal-kambjali;

Ikunsidrat:

Illi jirrizulta assodat li s-socjeta` intimata ghaddiet dghajsa lir-rikorrent li kienet fi stat tajjeb skond kif pattwit;

Illi jirrizulta li r-rikorrent hu obbligat ai termini tal-kambjali minnu liberament ffirmati;

Illi l-allegazzjonijiet tieghu ma gewx pprovati b'mod indipendenti w oggettiv u jibqghu biss allegazzjonijiet – xejn aktar;

Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li takkolji r-risposta tas-socjeta` intimata, tirrespingi t-talbiet tar-rikorrent, bl-ispejjez."

Bl-appell tieghu l-attur jiccensura s-sentenza ta' l-ewwel Qorti bis-sottomissjoni illi din ghandha titqies nulla ghaliex ma taghmel ebda konsiderazzjoni tal-provi migjuba u hi nieqsa minn rabta logika, legali u fattwali, bejn il-parti konsiderativa taghha u d-decizjoni. Huwa ghalhekk jinvita lil din il-Qorti biex taghmel apprezzament tal-provi u tforni konsiderazzjonijiet legali dwarhom;

Jinghad bla ebda ezistazzjoni illi d-dikjarazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti fil-parti konsiderativa tas-sentenza, apparti l-assenza ta' kull kumment xieraq dwar l-elementi l-aktar saljenti tal-provi processwali, ma jistghux, fil-hsieb tal-

Qorti, jitqiesu intelligibbli. Mill-parti razzjonali tas-sentenza infatti l-ewwel Qorti llimitat ruhha biex b'mod generiku ghall-ahhar tesprimi l-fehma taghha illi l-allegazzjonijiet ta' l-attur ma gewx ipprovati b'mod indipendenti u oggettiv, li d-dghajsa giet konsenjata fi stat tajjeb – kwestjoni din li lanqas biss kienet in diskussjoni – u li l-attur hu obbligat ihallas il-kambjali – mertu dan ta' kawza ohra separata fl-ismijiet inversi quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Avviz Nru. 350/04). Ikollu jinghad li tabilhaqq ma tezisti ebda armonija bejn il-motivazzjoni u d-disposizzjoni tas-sentenza appellata. Ghal din ir-raguni l-Qorti ser tilqa' l-istedina ta' l-appellanti u tittanta toffri soluzzjoni lill-oggett tal-vertenza;

Bl-istanza tieghu l-attur talab ir-rexxissjoni tal-bejgh ta' l-i*speed boat* minnu mixtrija ghaliex, skond hu, il-kunsens tieghu ittiehed bi frodi in kwantu l-i*speed boat* ma kienetx wahda gdida. Fi kliem iehor huwa qed jghid li din id-dghajsa kkonsenjata lilu ma kienetx konformi ghal dak miftiehem. Attiz li skond gurisprudenza pacifika "l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur hu li ghandu jaghti l-haga skond il-kwalita` miftiehma u f'kondizzjoni li kienet waqt il-bejgh, u presumibilment fi stat tajjeb" ("**Carmelo Xuereb -vs- Nazzareno Azzopardi**", Appell Kummercjali, 21 ta' Gunju, 1943), is-soluzzjoni tal-kwestjoni *de quo agitur* tiddependi minn jekk l-attur irnexxielux jipprova u jikkonvinci illi fil-mument tal-konsenja lilu d-dghajsa kienet skond kif allegat minnu;

L-atti processwali juru illi permezz ta' skrittura ta' ftehim tat-2 ta' Mejju, 2003 (ara kopja a fol. 88) l-attur ikkontratta x-xiri minghand is-socjeta` konvenuta ta' *speed boat* mudell "Hunter" flimkien ma' l-accessorji konsistenti minn "*rails on sundeck*" u "*front sundeck canopy*". Dan in-negozju kien jikkomprendi wkoll tpartit mad-dghajsa li kellu tal-marka "Fletcher" flimkien mat-*trailer* ta' l-istess. Bi skrittura ulterjuri tal-15 ta' Mejju, 2003 (fol. 89) l-attur ftiehem l-akkwist ta' accessorji ohra bhal *brackets*, *ladder*, *steering canopy* kif ukoll l-installazzjoni tal-mutur proprjeta` tieghu ta' 85 H.P.;

Fid-deposizzjoni tieghu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar l-attur jghid li hu xtara *speed boat* gdida u sab li kienet *second hand*. Meta xehed imbaghad quddiem l-ewwel Qorti (fol. 68) l-attur spjega illi meta ha konsenja taghha beda jinduna bid-difetti li kellha u kkonkluda li din kienet l-istess dghajsa li hu kien ra fix-*showroom* tas-socjeta` konvenuta. Huwa jghid ukoll in referenza ghall-kuntratt ta' ftehim illi hu suppost li b'dak il-kuntratt xtara "*speed boat* gdid bil-karru" (ara xhieda tieghu a fol. 122). Rinfaccjat bil-fatt illi l-karru ma jissemmix fil-kuntratt huwa wiegeb li "l-kuntratt ma kienx car", "hemm hafna kitba bil-biro" u ffirma "ghaliex gejt sfurzat". Dwar din l-allegazzjoni serja huwa jistqarr li ma ghamel ebda rapport lill-Pulizija, hlief ghal fatt li qabel ha konsenja tad-dghajsa hu kien involut f'incident stradali. Incidentalment, meta xehed quddiem it-Tribunal, l-istess konvenut iddikjara illi hu ma kienx jaf il-procedura biex jattakka l-kuntratt ta' bejgh;

Ix-xhud Veronica Gauci, rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta ddeponiet f'aktar minn seduta wahda. Hi tghid illi bejn it-2 ta' Mejju 2003 u s-16 ta' Mejju 2003 (data tal-konsenja) l-attur mar diversi drabi biex jara f'hiex waslet id-dghajsa li kien ordna skond wahda mill-mudelli esposti fix-*showroom*. Fil-waqt li tirreferi ghall-iskritturi ta' ftehim, kategorikament tichad illi l-attur xtara wkoll karru. Ara xhieda taghha a fol. 83, fol. 106 u fol. 125. L-istess rapprezentanti tirrepeti wkoll illi l-attur qatt ma lmenta maghhom illi d-dghajsa ma kienetx gdida jew li din kellha xi difetti;

Ghas-sostenn tat-tezi tieghu l-attur ipproduca bhala xhud lil Marine Surveyor Anthony Dalli (fol. 80). Fir-rapport minn dan ix-xhud rilaxxjat fit-8 ta' Ottubru, 2005 (ara kopja tieghu a fol. 48 fl-atti tat-Tribunal) jinghad, fuq dak li qallu l-attur, illi t-*trailer* garrab hsarat. Dan gie anke kkonstatat minnu, kif gew verifikati wkoll mankanzi jew difetti ohra fid-dghajsa. L-istess rapport jghid ukoll dan: "*The owner*

*stated that since he purchased the boat, he only used it five times*";

Premessi fil-qosor dawn il-fatti kif johorgu mir-rizultanzi istruttorji tal-kaz quddiem l-ewwel Qorti u t-Tribunal, il-Qorti issa tghaddi biex taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex, in linea ta' principju kif jemergi minn xi decizjonijiet, il-kelma "gdid", posta mill-attur bhala l-bazi ta' l-azzjoni tieghu, "jista' jkollha aktar minn sinjifikat wiehed u tista' tirrferixxi tant ghall-uzu (jew grad ta' uzu) tal-haga kemm ghall-eta`" ("**Pietru Mifsud -vs- Paolo Nani *nomine***", Appell Kummercjali, 19 ta' Awissu, 1966). Fl-ispjegazzjoni li taghti s-sentenza fl-ismijiet "**Emanuele Aquilina -vs- Negte Giuseppe Mamo**", Appell Kummercjali, 3 ta' Ottubru, 1927, trattasi minn bejgh ta' sitt *tyres* "*brand new*", jinghad illi l-frazi "*significa non soltanto che le gomme debbano essere nuove e non usate, ma che debbano essere di manifattura recente, siccome, trattandosi di merce di una natura deperibile, il lasso di quattro anni trascorso dalla fabbricazione delle gomme in lite le deteriore a segno che esse non danno quel servizio il quale sono intese; ne viene di conseguenza che, a testimonianza della perizia, si verifica nella specie una difformita nella qualita`, esplicitamente convenuta della cosa venduta ...*";

(2) Fil-kaz prezenti l-attur jallega li l-i*speed boat* minnu mixtrija kienet "sekonda man" u dan jiddenota li l-*boat* ma kienetx gdida ghax kienet diga` wzata jew, xort'ohra, mhux ta' manifattura recenti. Ghal din il-Qorti, fuq l-evalwazzjoni minnha tal-provi, din l-allegazzjoni mhix sostenuta u dan lanqas mill-prova "oggettiva" tar-rapport tal-Marine Surveyor esebit mill-istess attur. Difatti minn imkien minn dan l-istess rapport ma tirrizulta accenn minimu illi l-i*speed boat* ma kienetx gdida, u dan apparti r-rilevanzi dwar xi difetti zghar li rriskontra – "*aft sect not fitted in place by screws*" , u "*fibreglass cracks under forward sects*". Anke hawn ma tistax tisfuggi l-osservazzjoni illi l-konstatazzjonijiet maghmula fir-rigward

saru mill-Marine Surveyor ‘l fuq minn sentejn mid-data li fih l-attur ha in konsenja d-dghajsa;

(3) Huwa veru li l-istess Marine Surveyor annota li “*the trailer was noticed to have been damaged in a number of areas*” izda dan l-oggett, imbaghad, ma jirrizultax li kien hekk komprensiv fost l-accessorji maqbula skond l-iskritturi ta’ ftehim;

(4) Ukoll, ma tistax ma tassumix ghall-importanza taghha fil-vicenda processwali d-dikjarazzjoni maghmula fir-rapport ta’ dan ix-xhud illi l-attur, wara l-konsenja, ghamel uzu mill-*boat* hekk minnu mixtrija. Anke minn dan biss huwa difficli kemm jista’ jkollu qawwa l-argoment prospettat mill-appellant illi hu gie mqarraq ghax il-*boat* ma kienetx gdida. F’qaghda bhal din il-Qorti ma tistax tonqos li tirrepeti l-osservazzjoni assodanti illi x-xerrej li jircievi l-merkanzija u ma jkunx irid jaccettaha, ghax jidhirlu li mhix tal-kwalita miftehma u tajba, ma jistax izommha ghandu, jaghmel uzu minnha u wara zmien (anke ghaliex imsejjah biex ihallas il-prezz taghha) jippretendi li jirritornaha lura lill-venditur. Ara “**Negte Frank Borg -vs- Paul Bondin**”, Appell Kummercjali, 30 ta’ Gunju, 1947 u “**Carmel Bajada *et* -vs- Alfred Salomone *nomine***”, Appell Civili, 23 ta’ Mejju, 1960;

(5) Fuq kollox, imbaghad, ma jirrizultax mill-atti probatorji illi l-attur irnexxielu jipprova l-premessa tat-talba tieghu, ossija li l-kunsens tieghu gie raggirat b’qerq jew frodi kommess fil-konfront tieghu. Hi disposizzjoni cara tal-ligi illi d-dolo ma hu qatt prezunt u, anzi, jrid jigi pruvat minn min jallegah (Artikolu 532, Kodici Civili). Proprju minn imkien mill-provi ma jirrizulta li kien hemm l-ingann allegat mill-attur jew li dan kien xi kawza determinanti li tat lok ghall-ftehim li ghaqqad in-negozju. Ara “**Alice Cassar Torreggiani -vs- Albert Manche`**”, Appell Civili, 17 ta’ Marzu, 1958 u “**Giovanni Farrugia Gay -vs- Emmanuel Farrugia Gay**”, Prim’ Awla, Qorti Civili, 3 ta’ Mejju, 1921. Pjuttost, il-verita` hi, illi kif sostnut mis-socjeta` appellata, l-ilment ta’ l-attur, wara zmien apprezzevoli mill-konsenja, qed isir issa ghaliex *di fronte* ghalih ittiehdu proceduri ghar-reklam tas-somma bilancjali dovuta;

In bazi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet kollha l-invit ta’ l-attur ghar-revizjoni tas-sentenza appellata, u dan apparti l-osservazzjoni tal-bidu maghmula minn din il-Qorti, ma jistax jigi legittimament milqugh.

Ghal dawn il-motivi, anke jekk issa ghal kollox diversi minn dawk ta’ l-ewwel Qorti, l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata fil-parti decizorja taghha kkonfermata. L-ispejjez ta’ dan l-appell jitbatew mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------